**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Vella)**

**vs.**

**Merab Beridze**

Numru ___ /____

Illum 10 ta' April 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Merab Beridze**, ta' nazzjonalita' Georgjana, ta' sebgha u erbghin (47) sena, bin Nazi u Valeri Beridze, imwieled gewwa Keda fil-Georgja, fit-18 ta' Marzu 1972, u li huwa residenti gewwa 26 May, Home 40/43, Batumi, Georgja, u detentur ta' Passaport Georgjan bin-Numru 10CC39425 li jiskadi nhar l-14 ta' Awwissu 2022

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' April 2019, ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10.15am), gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja:

1. naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qieghed igorr mieghu s-somma ta' ekwivalenti ghal €10,000 jew izjed fi flus kontanti, filwaqt li huwa kien hiereg minn Malta fuq titjira ghal Istanbul, fit-Turkija, bi ksur tar-Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti gie mitluba sabiex, fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tad-Dwana Antonella Muscat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fedina penali tal-imputat (Dok. "KV 4") li hija wahda kompletament nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Merab Beridze hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmien t'elef, seba' mija u erbgha u sittin Euro u hamsin centezmu (€8764.50).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u tmienja u hamsin Euro (€25,058) favur il-Gvern ta' Malta.

Fl-ahhar nett, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fic-*charge sheet* sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

_________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

_________________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**